

Brussell, 18 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5364/24

ECOFIN 40
UEM 9
STATIS 8
INST 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-president tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB): - Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 235/2008/KE¹, wara li jkun ikkonsulta lill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jagħżel, u l-Parlament Ewropew japprova, in-nomina tal-president tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB).
2. Il-President tal-ESGAB, fittra datata l-5 ta' Lulju 2023 (dok. ST 11537/23), informa lill-Kunsill li l-mandat tiegħu ser jintemm fil-31 ta' Jannar 2024 u stieden lill-Kunsill jaħtar president ġdid.
3. Fit-23 ta' Settembru 2023, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju rrakkomanda lill-Kunsill il-kandidatura tas-**Sur Alfred CAMILLERI** bħala president tal-ESGAB (ST 14606/23).

¹ Id-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17-19).

4. Fit-8 ta' Novembru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Kummissjoni dwar il-kandidatura tas-Sur Alfred CAMILLERI. F'ittra tat-28 ta' Novembru, il-Kummissjoni tat l-opinjoni favorevoli tagħha.
5. Fid-29 ta' Novembru 2023, il-Kunsill stieden lill-Parlament Ewropew biex jaqbel dwar il-kandidat. Fis-17 ta' Jannar 2024, il-Parlament Ewropew approva l-kandidatura tas-Sur Alfred CAMILLERI.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li taħtar il-President tal-ESGAB, kif tinsab fid-dokument ST 5365/24 u ffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, bħala "punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss u jippubblika d-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
